Fit-tieni lok, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali kisret l-artikoli ċċitati iktar 'il fuq, sa fejn ma ħaditx inkunsiderazzjoni, sabiex tirrikonoxxi l-eżistenza ta' "sitwazzjoni partikolari", il-funzjonament ħażin li seħħ fil-livell tal-proċedura interna fl-għoti u fil-kontroll tal-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni ħielsa mill-VAT, imsejħa AI2 (Artikolu 275 tal-Kodiċi ġenerali tat-taxxi Franċiż u d-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni tiegħu). Il-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova, u għalhekk kisret il-prinċipji ġenerali tad-dritt billi qieset li kienet l-appellanti li kellha tipprova b'mod preċiż il-konsegwenzi tal-imsemmi funzjonament ħażin.

(1) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1430/79, tat-2 ta' Lulju 1979, dwar ir-rimbors jew il-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni (ĠU L 175, p. 1).

(2) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Mons (il-Belġju) fil-5 ta' Frar 2014 – Régie communale autonome du stade Luc Varenne vs État Belge**

**(Kawża C-55/14)**

(2014/C 102/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Mons

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Régie communale autonome du stade Luc Varenne

*Konvenut:* État Belge

**Domandi preliminari**

It-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-faċilitajiet ta' infrastruttura sportiva użata esklużivament għal finijiet relatati mal-futbol, li għandu jinftiehem bħala d-dritt ta' użu u ta' operat tal-art li fuqha jsir il-logħob (il-piċċ) tal-grawnd tal-futbol, kif ukoll tal-kmamar fejn ibiddlu l-plejers u r-referees fuq bażi *ad hoc* għal massimu ta' 18-il jum kull staġun sportiv (staġun sportiv jibda fl-1 ta' Lulju ta' kull sena kalendarja u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara), jikkostitwixxi kirja ta' proprjetà immobbli eżentata fis-sens tal-Artikolu 13B(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill Nru 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (1) (Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva tal-VAT Nru 2006/112 (2)), sa fejn il-parti li tagħti d-dritt ta' użu u ta' operat:

— għandha l-fakultà sħiħa li tagħti drittijiet identiċi lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn tal-għażla tagħha fir-rigward ta' jiem oħra li ma humiex it-18-il jum imsemmija iktar 'il fuq;

— għandha d-dritt li, f'kull ħin, taċċedi l-imsemmija faċilitajiet, mingħajr kunsens minn qabel tal-parti detentriċi tad-dritt ta' użu u ta' operat, sabiex b'mod partikolari, tiżgura ruħha mill-użu xieraq tal-faċilitajiet u sabiex tantiċipa kull ħsara, bil-kundizzjoni waħdiena li ma ttellifx l-iżvolġiment mingħajr xkiel tal-kompetizzjonijiet sportivi;

— barra minn hekk, iżżomm dritt ta' kontroll permanenti tal-aċċess għall-faċilitajiet, inkluż matul il-perijodu ta' użu tagħhom mir-R.F.C.T;

— titlob ħlas b'rata fissa ta' EUR 1 750 għal kull jum ta' użu tal-art li fuqha jsir il-logħob, tal-kmamar ta' tibdil, tal-bar, tas-servizz ta' portinaġġ, ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tal-faċilitajiet kollha, u dan għandu jinftiehem li, bi qbil bejn il-partijiet, mill-ammont mitlub, 20 % jirrappreżentaw id-dritt ta' aċċess għall-piċċ tal-futbol u 80 % jirrappreżentaw il-ħlas għal servizzi varji relatati mal-manutenzjoni, mat-tindif, maż-żamma tajba (ħsid ta' wiċċ l-art, żriegħ, *etc*) u mal-konformità regolatorja tal-art li fuqha jsir il-logħob u għall-provvista ta' servizzi anċillari, ipprovduti mill-parti li tagħti d-dritt ta' użu u ta' operat (f'dan il-każ, ir-Régie li fil-preżent qiegħda tappella).

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.
(2) Direttiva tal-Kunsill Nru 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Aosta (l-Italja) fl-10 ta' Frar 2014 – Equitalia Nord SpA vs CLR di Camelliti Serafino & C. Snc**

**(Kawża C-68/14)**

(2014/C 102/33)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Ordinario di Aosta

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Equitalia Nord SpA

*Konvenuta:* CLR di Camelliti Serafino & C. Snc

**Domandi preliminari**

1) Il-leġiżlazzjoni Taljana pprovduta fl-Artikolu 3(1) u (4) tad-Digriet-Liġi Nru 95 tas-6 ta' Lulju 2012, parzjalment emendat bil-Liġi ta' konverżjoni Nru 135 tas-7 ta' Awwissu 2012, sa fejn tipprovdi li "b'kunsiderazzjoni għan-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni ekonomika u fid-dawl tan-neċessità prioritarja li jintlaħqu l-għanijiet li l-ispejjeż pubbliċi jiġu limitati, sa mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-att, għas-snin 2012, 2013 u 2014, l-aġġustament marbut mal-varjazzjoni tal-indiċi ISTAT, previst mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ, ma japplikax għall-kirjiet dovuti mill-amministrazzjonijiet li jaqgħu taħt ir-rapport ta' dħul ikkonsolidat tal-awtoritajiet pubbliċi, kif imsemmija mill-Istituto nazionale di Statistica skont l-Artikolu 1(3) tal-Liġi Nru 196, tal-31 ta' Diċembru 2009, u lanqas [għall-kirjiet dovuti] mill-Awtoritajiet indipendenti, inkluża l-Commissione nazionale per le Società e la borsa (Consob) għall-użu ta' proprjetajiet immobbli mikrija għal finijiet istituzzjonali" u barra minn hekk, fil-paragrafu 4, li "sabiex jiġu limitati l-ispejjeż pubbliċi, għal kuntratti li għalihom l-amministrazzjonijiet ċentrali bħal dawk imsemmija mill-Istituto nazionale di Statistica skont l-Artikolu 1(3) tal-Liġi Nru 196, tal-31 ta' Diċembru 2009, kif ukoll l-Awtoritajiet indipendenti, inkluża l-Commissione nazionale per le Società e la borsa (Consob), krew proprjetajiet immobbli għal finijiet istituzzjonali, il-kirjiet għandhom jitnaqqsu, mill-1 ta' Jannar 2015, b'15 % tal-kirja attwalment imħallsa" u li "mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi ta' konverżjoni ta' dan id-digriet, it-tnaqqis imsemmi fis-sentenza preċedenti japplika fi kwalunkwe każ għall-kuntratti ta' kera li skadew jew li ġġeddu wara din id-data", tmur kontra l-Artikolu 106(1) u (2) TFUE inkwantu hija tali li tipprovdi vantaġġ mhux iġġustifikat u diskriminatorju lil persuni li joperaw f'sistema ta' kompetizzjoni meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' persuni oħra li jeżerċitaw l-istess attività iżda ma jibbenefikawx mill-imsemmija leġiżlazzjoni?

2) Sa fejn l-imsemmija leġiżlazzjoni hija tali li tipprovdi vantaġġ mhux iġġustifikat u diskriminatorju lil persuni li joperaw f'sistema ta' kompetizzjoni meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' persuni oħra li jeżerċitaw l-istess attività iżda li ma jibbenefikawx minnha, tista' titqies bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE?